**L-għajnejn u t-tbissima**

L-għajnejn u t-tbissima
Iħarrku tant l-qlub,
Bil-mod ħelu tagħhom
Kemm wisq iħobbuk.

L-għajnejn jiflu sewwa
B'ħarsithom jiekluk,
Għoddok bil-wisq ħieni
Jekk lilek jibkuk.

Tbissima sabiħa
Li toħrog mill-fomm,
Tistampa f'tifkira
Imħabba li żżomm.

Ibqa' tbissem dejjem
Bil-ħarsa t'għajnejk,
Xerred xmara ta' sliem
B'qawwiet dawk ħaddejk.

Patri Mario Attard OFM Cap
16 ta’ Settembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.